**Laqgha Numru 10/K6/2008**

**Introduzzjoni**

Minuti ta' l-Ghaxar Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2008 li saret nhar l-Erbgha 6 ta' Awissu 2008.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.45 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava, Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Ghall-laqgha bhala pubbliku kien hemm prezenti s-sur Alex Calleja u s-sur Godwin Gatt.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fit-30 ta' Lulju 2008. L-Agenda kienet:

**01. Proposta ta' Ftehim ta' Hbiberija mal-Belt ta' Anning fic-Cina**

**02. Materji Ohra**

## 01. Proposta ta' Ftehim ta' Hbiberija mal-Belt ta' Anning fic-Cina.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit qal li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talab lill-Kunsill sabiex qabel il-Kunsill jiddeciedi jiehu nota tal-klawsoli kollha li hemm ta' Memo 13/2008 **( Ara dokument A)** mahruga mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar il-procedura gdida dwar gemellaggi specjalment dwar il-mizuri finanzjarji u dan fid-dawl ta' l-ispejjez li diga saru din is-sena kif ukoll fid-dawl ta' l-ispejjez li ser isiru fil-mawra li ser issir f'Roccalumera bejn il-5 u t-8 ta' Settembru 2008. Il-kelliem qal li rigward dan huwa kien ser jikteb ufficjalment lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kif ukoll lill-Onor. Segretarju Parlamentari Chris Said vis-à-vis id-diskussjoni li saret magħhom fil-Kunsill ftit tal-jiem ilu kif ukoll vis-à-vis dak li ntqal fil-laqgha ta' konsultazzjoni li saret l-Imgarr specifikament fuq il-gemellaggi. Il-kelliem qal li huwa jhoss li dan huwa ndhil zejjed fuq l-operat tal-Kunsill dwar kemm il-Kunsill ghandu l-jedd li jonfoq fuq Gemellaggi u zied li huwa jhoss li dan qed johnoq l-awtonomija tal-Kunsill. Is-Sindku Joe Zammit qal li jekk ma jasalx kien lest li jikteb ukoll lill-Kunsill ta' l-Ewropa rigward dan l-indhil. Finalment il-kelliem qal li kemm lid-Dipartiment kif ukoll lis-Segretarju Parlamentari kien ser jitlobhom sabiex l-infieq konness ma' dan il-ftehim ghandhom ikunu ezenti mill-procedura l-gdida u dan minhabba l-fatt li d-diskussjonijiet ilhom ghaddejja qabel ma' harget din il-procedura gdida. Il-kelliem fakkar li l-Kunsill kien diga qabel fil-principju li jsir dan il-ftehim qabel ma' l-Kunsill kellu kopja tad-dokument.

1.02. Wara diskussjoni li saret is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob il-permess ta' l-AKL u d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali sabiex jigi ffirmat ftehim ta' hbiberija

mal-belt Ciniza ta' Anning. Il-kelliem ippropona ukoll li Anning jigu nfurmati bit-tibdiliet li l-Kunsill jixtieq li jkun hemm fil-ftehim **( Ara dokument B u C )**

1.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.04. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat ivvutaw kontra.

1.05. Il-Mozzjoni ghaddiet.

1.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li l-Kunsill kien ghadu qatt ma ddiskuta din il-proposta formalment u ghalhekk qatt ma kien hemm qbil fuq dan il-principju.

1.07. Is-Sindku Joe Zammit qal li fuq dan il-punt jirreferi ghall-laqgha li saret mal-first officer ta' l-Ambaxxata Ciniza kif ukoll ghal xhur ilu meta kien hemm kuntatt ma' rapprezentant ta' belt ohra mic-Cina, l'izda l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet skuzata meta kienet issemiet din il-laqgha fil-laqgha tal-Kunsill. Il-kelliem qal ukoll li kien propju dakinhar meta kienet giet diskussa din il-materja. Il-kelliem qal li kemm il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kif ukoll kull Kunsillier iehor kellu gimgha cans biex jifli dan id-dokument.

## 02. Materji ohra.

2.01. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-ittra li l-Kunsill ircieva minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali **( Ara dokument D )** vis-à-vis l-ispejjez li l-Kunsill kien ippropona li jaghmel sabiex ihallas ghall-lukanda ghat-tfal li spiccaw is-Sitt Sena ta' l-iskola Primarja kif ukoll ghall-pleyers tat-tim tal-futbol ta' Pembroke Athleta fejn qal li la darba d-Dipartiment qed jghid li dawn huma kontra l-ligi l-Kunsill ma jistax jaghmel dan il-hlas. Il-kelliem qal li huwa kien ser juza l-Onorarja tieghu sabiex jghaddiha lill-klabb sabiex taghmel tajjeb ghal parti mill-ispejjez kif ukoll ghall-ispejjez tat-tfal. Il-kelliem qal li l-Kunsill ghandu joggezzjona mad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali ghax ihoss li qed isir wisq skrutinju fuq l-operat tal-Kunsill Lokali Pembroke, ghalkemm qal li skond ufficjali ta' l-AKL huwa kien infurmat li huwa minnhu li dan ma jistax isir. Il-kelliem ghamel riferenza ukoll ghall-oggezzjoni tad-Dipartiment dwar in-nefqa ta' € 1,000 rigward it-tornament tal-Luxol fejn qal li huwa ma jaqbilx mar-rakkomandazzjoni u ghalhekk id-decizjoni tal-Kunsill ghandha tibqa', jigri x'jigri wara. Il-kelliem qal li jekk irid wara d-Dipartiment jista' jnaqqas dan l-ammont mill-allokazzjoni li jkun imiss.

2.02. F'dan l-istadju qamet diskussjoni dwar flokkijiet li kellhom isiru ghat-tornament tal-futbol li ser isir f'Roccalumera fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li huwa ma kienx konsultat ghat-talba li ghamlu l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat sabiex jingabru l-kwotazzjonijiet.

2.03. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li huwa esegwixxa struzzjonijiet u ordnijiet li nghata minn zewg Kunsilliera u ma jhoss li ghamel xejn hazin li gabar kwotazzjonijiet fid-dawl ukoll li z-zmien huwa qrib wisq kif ukoll fid-dawl li hafna kumpaniji jkunu bil-vaganzi fil-jiem li gejja. Il-kelliem qal li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli baqa' qatt ma kkonkluda x'ser jigri apparti l-fatt ukoll li huwa kien talab kemm lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kif ukoll lill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat sabiex jinfurmawh bid-dettalji kollha wara li jikkonkludu din il-mawra peress li kienu huma li kienu zaru Roccalumera aktar kmieni din is-sena sabiex bdew il-preparamenti necessarji.

2.04. Il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat qalet li hija kienet tkelmet ma' Roccalumera fejn wara diskussjoni li kellha ma' Angela gie konkluz il-programm kif ukoll kien hemm qbil li Roccalumera joffru l-midalji, tazzi u tifkiriet u kif xieraq il-Kunsill Lokali Pembroke jipprovdi l-flokkijiet. Il-kelliema qalet li ma kienx il-hsieb li jigu provduti flokkijiet tal-futbol izda flokkijiet normali b'logo fuqhom kif kien gie diskuss meta kienu Roccalumera hija u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli.

2.05. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li l-ispiza sabiex isiru l-flokkijiet hija wisq aktar milli sabiex isiru midalji minhabba li skond huwa l-midalji kull ma jiswew huma € 1.00 il-wahda biss.

2.06. Is-Sindku Joe Zammit qal li huwa kien jaqbel li l-flokkijiet isiru mill-Kunsill.

2.07. Fid-dawl ta' dan is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lis-Sindku Joe Zammit kif ser jinhargu dawn il-fondi vis-à-vis il-kummenti li l-Kunsill qed jircievi minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali li jindikaw li tali xiri ma jistax isir mill-Kunsill.

2.08. Is-Sindku Joe Zammit insista li dawn jithallsu mill-flejjes li jdahhal il-Kunsill taht kontribuzzjonijiet generali.

2.09. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lis-Sindku Joe Zammit li la ser isir hlas dan ser ikun jidher fil-kotba tal-Kunsill xorta wahda.

2.10. Is-Sindku Joe Zammit qal li huwa jhoss li d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali qed jirrestringi wisq lill-Kunsill u esklama li huwa kien lest li jinforma b'dan lill-Kunsill ta' l-Ewropa rigward dan l-indhil zejjed fl-awtonomija tal-Kunsill. Il-kelliem qal li dan il-kliem diga kien qalu fil-prezenza tad-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kif ukoll fil-prezenza ta' l-Onor. Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said.

2.11. Il-Kunsillier Lauro Fava rrakkomanda li kull tim juza l-flokkijiet li normalment juzaw.

2.12. Wara diskussjoni li saret il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jordna 160 flokk bil-logo fuqhom sabiex jintuzaw mill-partecipanti kollha li ser jiehdu sehem.

2.13. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

2.14. Il-Mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava astjena.

2.15. Il-mozzjoni ghaddiet.

2.16. Il-laqgha ntemmet fis-7.30pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 3 ta' Settembru 2008 fil-5.45 pm.

Joe Zammit
**Sindku**

Kevin Borg
**Segretarju Ezekuttiv**